# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1951


# MALTA U L-KONGRESSI INTERNAZZJONALI

*DIN is-sena kellna okkażjoni li hi unika fost il-ħafna ġrajja li saru f'pajjiżna: kellna Kongress Internazzjonali tas-surmastrijiet ta' l-Iskola. Dan il-Kongress kien imsejjaħ mill-Organizzazzjoni Universali tal-Għalliema (World Organization of the Teaching Profession) u bis-saħħa tiegħu Malta ssemmiet fost is-surmastrijiet tad-dinja kollha. Fuq il-ħamsa u sittin Delegat minn ħmistax-il Nazzjon inġabru f'din il-Gżira tagħna u damu hawn ġimgħa jiddiskutu, jistħarrġu u jistudjaw dwar il-professjoni tagħhom. Saru proposti bil-għaqal ħalli jgħollu l-qagħda tas-surmastrijiet, ittieħdu deċiżjonijiet li għad jisfgħu ta' ġid lill-għalliema, u sar ftehim fuq sistemi u metodi għall-isvilupp tat-tagħlim. Wara l-laqgħat tal-Kongress, ingħata kors ta' konferenzi fuq il-Gżira tagħna mill-aħjar fost l-irjus kbar Maltin. Dan il-kors ta' konferenzi, jew* seminar, *irnexxa wisq, għax bis-saħħa tiegħu, dawk il-ħafna surmastrijiet minn kull naħa tad-dinja saru jafu xi trodd Malta fl-istorja, fl-arti, fil-kultura u fir-relazzjonijiet internazzjonali.*

*Lilna tal-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" jinteressana kulma jsir għall-ġid tat-tagħlim u għall-progress ta' l-istruzzjoni, u ma nistgħux ma nifirħux meta naraw ħidma biex tgħolli l-qagħda tas-surmastrijiet u ġġib 'il quddiem it-tagħlim. Imma hawn irridu nitkellmu dwar aspett ieħor ta' dak il-Kongress: jiġifieri l-fama li kisbet Malta fl-ambjenti edukattivi ta' bosta pajjiżi mxerrdin mad-dinja kollha.*

*Nibdew biex ingħidu li ladarba l-Kumitat Ċentrali ta' l-Organizzazzjoni għażel lil Malta għall-Kongress tagħhom, hu għaraf merti kulturali u soċjali f'din il-Gżira, għax f'okkażjonijiet bħal dawn iħarsu lejn bosta ħwejjeġ qabel ma jiddeċidu l-post tal-laqgħat; jeħtieġu mhux biss kumditajiet u postijiet ta' divertimenti, iżda wkoll, u fuq kollox, ambjent kulturali u klassi ta' ċiviltà ħalli dawk li jmorru għal-laqgħat iħossu l-influwenza siewja u fejjieda u raffinata tal-pajjiż li jilqagħhom.*

*Aħna tkellimna ma' bosta mid-Delegati u kollha wrew għaxqa u foħrija għal dak li raw u ġarrbu hawn: wieħed Delegat Ame-*

*rikan stqarr li qatt fil-bosta żjajjar tiegħu lil pajjiżi barranin ma ħass is-seħer ta' l-istorja jaħkmu daqskemm ħass fil-ftit jiem li dam f'Malta; u dan bir-raġun kollu għax f'din il-Gżira l-preistorja u l-istorja tal-bieraħ u tal-lum ifawru minn kull rokna u kull naħa tal-pajjiż.*

*Imma min jiġi hawn ma jiġix għall-istudju ta' l-istorja biss; min jiġi jżurna jkun jixtieq jitgħallem ukoll dwar il-ħajja tagħna, il-Gvern, is-snajja', l-industrji, il-kultura u kulma għandu x'jaqsam mal-progress soċjali u morali, kif ukoll mal-prosperità tal-pajjiż.*

*Id-Delegati ħarġu kollha kuntenti bil-miġja tagħhom hawn. Waħda mid-Delegati Kanadiżi kitbet (*) li ż-żjara tagħha f'Malta kienet għaliha* "a tremendous experience". *Dan lilna jiswielna ta' ġid kbir għax is-surmastrijiet huma f'pożizzjoni li jagħmlu propaganda mhux biss għaż-żmien tal-lum, iżda wkoll għall-ġejjieni, billi huma jgħallmu t-tfal, ifissrulhom fuq Malta u hekk inisslulhom ix-xewqa li jżuru din il-Gżira meta jikbru.*

*B'hekk Malta tissemma u tikseb isem ta' importanza fil-mappa tad-dinja u dan għandu mnejn jirrendi lil Malta dak il-post li jixirqilha fir-relazzjonijiet internazzjonali; għax jekk in-nazzjonijiet jaħslu jagħarfu x'issarraf Malta, għandhom mnejn jibdew jaħsbu fiha u jagħżluha għal-laqgħat ta' bejniethom.*

*Din il-Gżira tagħna hi adattata wisq għal dawn il-Kongressi u laqgħat Internazzjonali. Il-pożizzjoni tagħha fil-qalba tal-Mediterran fejn jiltaqgħu ċ-ċiviltajiet qodma u moderni, fejn jinħassu l-kulturi tal-Lvant u tal-Punent; il-popolazzjoni tagħha ħawtiela u mogħnija bi klassijiet soċjali, attivitajiet u industrji li jżewqu l-ħajja tal-lum; il-qagħda tagħha milħuqa mill-pajjiżi kollha; dawn kollha jagħmlu lill-Gżira tagħna post li ftit hawn bħalu biex jilqa' fi ħdanu Rappreżentanti u Delegati ta' kull xorta ta' Organizzazzjonijiet minn kull naħa tad-dinja.*

*Nittamaw li dan il-Kongress tas-Surmastrijiet li rnexxa tant tajjeb, jiġbed oħrajn warajh. Aħna min-naħa tagħna għandna nħabirku biex lill-barranin li jiġu jżuruna nilqgħuhom bil-qalb u bil-ħlewwa li tisthoqqilhom u b'hekk nieħdu sehem fis-suċċessi ta' dawk il-laqgħat u fil-ġid li jisfa' minnhom.*

---

* "The Hamilton Spectator" tal-Kanada, fil-ħarġa tiegħu tas-7 ta' Awissu, 1951.